MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 54/2002

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 54/2002G1(PC)**

Peter Paul Said .

vs

Dr. Anton Refalo LL.D. li b'Degriet tal-21 ta' Novembru, 2000 gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Diane Sylvia Said .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :

Illi l-attur Peter Paul Said iżżewweġ lill-konvenuta Diane Sylvia Said fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) f'Cardiff, Wales ;

Illi l-partijiet ftit wara li żżewġu u cioe fl-elf disa' mija sitta u disghin (1996) ġgew jghixu Ghawdex u ffissaw ir-residenza taghhom f'Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ, Ghawdex ;

Illi f'Awissu tas-sena elfejn (2000) il-konvenuta Diane Sylvia Said abbandunat id-dar matrimonjali u harbet mill-pajjiż ;

Illi fl-istess okkażjoni l-konvenuta ghamlet hsarat konsiderevoli fid-dar matrimonjali ;
Illi l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti ġiet reża impossibbli minhabba eċċessi u mohqrija da parti tal-konvenuta;

Illi l-attur ipprova jirranġa s-sitwazzjoni jew jasal f'separazzjoni bonarja iżda l-konvenuta dejjem irrifjutat ;

Illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bis-separazzjoni minn ma' martu permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002), digriet numru 50/02 .

Talab lill-konvenut nomine jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-raġunijiet hawn fuq imsemmija ;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet u dan wara li jiġu identifikati l-beni parafernali appartenenti lill-attur ;

3. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu tmienja u erbghin (48) sa wiehed u hamsin (51) tal-Kodiċi Ċivili .

Bl-ispejjes kontra l-kontra l-konvenuta .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament mahlufa minnu .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa :

1. Illi huwa m'huwiex edott dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawża u ghal daqstant jirriserva li jaghmel l-eċċezzjonijiet tieghu fi stadju ulterjuri wara li jinghata wkoll it-taghrif u l-indirizz tal-istess Diane Sylvia Said .
2. Salvi eċċezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut nomine minnu mahlufa .

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 2004 fejn innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi sabiex jaghmel stima tal-beni pposeduti in komun bejn il-kontendenti f'dawn il-gżejjer .

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku, ppreżentata fit-18 ta' Gunju 2004 u minnu mahlufa fl-1 ta' Ottubru 2004 .

Rat il-verbal taghha ta' l-1 ta' Lulju 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti u affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ghas-separazzjoni personali bejn l-attur u martu msiefra, kif rappreżentata mill-konvenut nomine . Ir-raġuni unika li jaghti l-attur ghal din it-talba huwa l-abbandun ta' martu, li ilha li harġet mid-dar matrimonjali u siefret sa minn Awissu tas-sena elfejn (2000) . Huwa jallega wkoll illi qabel ma telqet, martu ghamlet hafna hsara fl-ghamara u *fittings* fid-dar u anke haditlu xi oggetti personali tieghu . Dwar dan l-attur anke ghamel rapport mal-Pulizija[1] . Diane Said baqghet ma xehditx u l-unika prova minn naha taghha hija ittra li hija baghtet lill-konvenut nomine fil-mori ta' din il-kawza . Madankollu f'din l-ittra ma taghti ebda hjiel ta' x'wassal ghall-firda minn ma żewġha u taghti biss xi informazzjoni dwar proprjeta' li kellhom il-kontendenti fl-esteru[2] .

F'din is-sitwazzjoni, fejn il-mara ilha li abbandunat id-dar matrimonajali 'l fuq minn erba' snin minghajr ma qatt irritornat f'dawn il-gzejjer, ma jidhirx illi ghad hemm lok ghar-rikonċiljazzjoni, u allura l-ewwel talba ghandha tintlaqa' .

Fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi Said rrizulta illi hemm biss żewġ garaxxijiet f'Ghawdex, wiehed f'Marsalforn u l-iehor ir-Rabat, u li l-konjugi Said kienu akkwistaw matul iz-żwieġ. Il-garage ta' Marsalforn gie stmat tal-valur ta' hamest elef lira maltija (Lm5000), filwaqt illi dak tar-Rabat jiswa sebat elef lira maltija (Lm7000)[3] . Jigi ghalhekk illi l-valur totali tal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa ta' tnax il-elf lira maltija (Lm12,000) u konsegwentement lill-kontendenti jispetta valur ta' sitt elef lira maltija (Lm6000) kull wiehed . Id-diviżjoni ta' din il-proprjeta' tista' ssir billi tittella x-xorti bejn il-kontendenti quddiem in-nutar li ser jiġi nominat ghall-fini tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun, biex jiġi determinat kif ser jiġu allokati dawn il-garaxxijiet . Billi pero' dawn ma humiex ta' l-istess valur trid isir l-ekwiparazzjoni dovuta .

---

[1] Ara Dok. A a fol. 12 - 13 tal-process .
[2] Dok. A a fol. 77 .
[3] ara rapport peritali a fol. 79 .

Jidher illi hemm ukoll xi proprjeta' ohra fl-esteru . Imma skond id-dritt internazzjonali privat, din il-Qorti m'ghandha ebda ġurisdizzjoni fuq tali beni, u ghalhekk jispetta lill-kontendenti li jfittxu d-divizjoni ta' dawn il-beni fil-*forum* kompetenti .

Bit-tielet talba tieghu l-attur jippretendi illi martu tbati l-konsegenzi kontemplati fl-artioli 48 sa 51 tal-Kodici Civili ghal min mill-partijiet ikun il-kagun tal-firda . Huwa minnu illi fil-każ in eżami rriżulta inkontestat illi mart l-attur abbandunat id-dar matrimonjali ghal izjed minn erba snin, pero' fin-nuqqas ta' provi, li f'din il-kawza kienu pjuttost xotti ghal kollox, ma jistghax jinghad b'konvinzjoni li dan sar minghajr raġuni tajba, kif stipulat fl-artikolu 41 tal-Kap. 16 . Din l-ahhar talba ma tistax ghalhekk tiġi milqugha .

Ghal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi :

1. tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-attur Peter Paul Said u martu Diane Sylvia Said;

2. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom; tillikwida l-istess billi tiddikjara illi din tikkonsisti f'żewġ garaxxijiet f'Ghawdex, kif deskritti fir-relazzjoni tal-perit tekniku; tqassam l-istess beni bejn il-kontendenti billi tordna illi dawn itellghu x-xorti bejniethom halli jiġi determinat min minnhom ser jiehu il-garage tar-Rabat u min dak ta' Marsalforn, b'dana illi minhabba d-differenza fil-valur, l-konjuġi li jmissu il-garage ta' Marsalforn, jaghti lill-konjuġi l-iehor is-somma ta' elf lira maltija bhala ekwiparazzjoni; u ghall-fini tal-kuntratt opportun, tinnomina lin-Nutar Dottor Maria Grima, li ghandha tippubblika dana l-att nhar is-Sibt 30 ta' Ottubru fl-ufficcju taghha fil-hdax ta' fil-ghodu (11.00 a.m.) ;

3. fin-nuqqas ta' provi, tiċhad it-tielet talba .

L-ispejjeż tal-kawża u tal-kuntratt imsemmi, fiċ-ċirkostanzi, ghandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .
S5402Pc(sup)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------